MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 106/2002/1

**Paul Vassallo u martu Carmen Vassallo ghal kull interess li jista` jkollha skond il-ligi**

**vs**

**Carmelo Zahra u martu Carmen Zahra ghal kull interess li jista` jkollha skond il-ligi**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-30 ta` Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur Paul Vassallo zewg l-attrici l-ohra fil-25 ta` Mejju, 2001 ghall-habta tal-4.30 ta` wara nofs inhar kien ghaddej minn u cioe bhala pedestrian fi Vjal il-Haddiem gewwa r-Rabat.

Fl-istess data, lok u hin il-konvenut Carmelo Zahra zewg il-konvenuta l-ohra filwaqt li kien qed isuq il-vettura tal-marka Ford Escort numru tar-registrazzjoni GAB 698 fi Triq Vjal il-Haddiem minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u nuqqas ta` osservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa` diehel gol-attur Paul Vassallo bir-rizultat li l-istess attur safa midrub serjament hekk kif jirrizulta mir-rapport rilaxxjat mill-Pulizija hawn anness u mmarkat **Dok. PV 1**;

B`konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi l-attur Paul Vassallo sofra, qed isofri u ser jibqa jsofri danni, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghalhekk l-attur gie li sofra danni konsistenti f`*damnum emergens* u *lucrum cessans* bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi, ghal liema danni jahti unikament u esklussivament il-konvenut jew min minnhom;

Il-konvenuti interpellati anke permezz ta` ittra ufficcjali datata 10 ta` Settembru, 2001, sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta` danni sofferti mill-atturi, dawna baqghu inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. TIDDIKJARA li l-incident fuq imsemmi tal-25 ta` Mejju, 2001 gewwa Vjal il-Haddiem Rabat okkorra unikament u esklussivament tort u htija tal-konvenut Carmelo Zahra zewg il-konvenuta l-ohra;

2. TIDDIKJARA, ghalhekk, lill-konvenuti jew min minnhom bhala responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur Paul Vassallo zewg l-attrici l-ohra bhala konsegwenza tal-incident stradali sudett;

3. TILLIKWIDA, okkorrendo bl-opera ta` *periti nominandi* d-danni kollha sofferti mill-attur Paul Vassallo zewg l-attrici l-ohra konsistenti f`dawk id-danni gia attwalment sofferti (*damnum emergens*) u f`dawk id-danni li jistghu isofru fil-

futur fil-forma ta` *lucrum cessans* bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi;

4. TIKKUNDANNA lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur Paul Vassallo zewg l-attrici l-ohra, dik is-somma hekk likwidata fit-tielet talba, rapprezentanti d-danni sofferti minnu bhala konsegwenza tal-incident stradali fuq imsemmi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija datata 10 ta` Settembru, 2001 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha ecepew illi:

1. It-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex mhux minnu illi b`konsegwenza ta` l-incident stradali msemmi mill-attur, Paul Vassallo safa` midrub u qed isofri u ser jibqa` jsofri danni.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-5 ta` Lulju, 2002, li in forza tieghu inhatar Mr. Charles Grixti bhala perit mediku sabiex jezamina lill-attur u jirrelata fuq il-grad ta` dizabilita` permanenti li jista` jkollu l-attur.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-5 ta` Frar, 2004, fejn id-difensur tal-konvenuti ddikjara li r-responsabilita` ta` l-incident mhux kontestata u qed tkun ammessa da parti tal-konvenuti;

Rat ir-rapport ipprezentat mill-perit mediku fl-4 ta` Marzu, 2004, u minnu mahluf fl-udjenza tat-23 ta` April, 2004;

Rat it-talba imressqa mill-atturi fis-26 ta` April, 2004, li in forza taghha talbu l-hatra ta` periti perizjuri;

Rat li din it-talba giet irtirata fil-21 ta` Mejju, 2004;

Rat it-talba imressqa mill-konvenuti fit-3 ta` Mejju, 2004, li in forza taghha talbu l-hatra ta` periti perizjuri;

Rat li din it-talba giet irtirata fil-11 ta` Novembru, 2004;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza kienet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta` incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta` Mejju, 2001, fi Vjal il-Haddiem, Rabat. L-attur kien hdejn jew fuq il-bankina fit-triq, waqt li l-konvenut kien qed isuq van tat-tip *'Ford Escort'* numru GAB 698 fl-istess triq. Waqt li l-konvenut kien ghaddej jidher li, f`xi mument, gie ghama mir-raggi tax-xemx, u peress li lill-attur ma rahx, laqtu u tefghu fl-art. Il-konvenut ammetta r-responsabilita` ghall-incident, pero`, qed jikkontesta li l-attur sofra xi danni b`rizultat tal-incident. Il-perit mediku mahtur mill-Qorti rrelata li l-attur ghadu sofri minn 3% dizabilita` permanenti. Il-konvenuti jikkontestaw din ir-relazzjoni u jinsistu li, fil-fatt, l-attur ma hu qed isofri minn ebda dizabilita` permanenti.

Meta xehed in eskuzzjoni, l-perit mediku stqarr li d-dizabilita` ta` 3% hija relatata kwantu ghal 2.5% minhabba l-injury li l-attur ghandu fuq l-irkoppa, u kwantu ghal 0.5% minhabba t-ticrita fuq ix-xoffa, li, *pero`*, ma tidhirx u m`ghandha ebda effett funzjonali. Il-perit mediku xehed li l-attur qala` d-daqqa fuq il-galletta tal-irkoppa, pero`, peress li hsara hija fil-qarquca tal-ikoppa, mhux mistenni li jkollu problemi fil-maneggjar taghha. Spjega li fl-

*admission record* tal-isptar, gie registrat li l-attur kellu *abrasions* fl-irkoppa, u meta jkun hekk difficcli li din ma tkunx akkumpanjata minn *swelling*; il-grad tal-*injury* u l-*iswelling* ikun jiddependi minn jekk l-*injury* tkunx fil-wicc jew tkun xi haga interna. Meta gie mistoqsi jekk dak li minnu kien qed isofri l-attur setghax kien artrite li mhux relatat mal-incident, il-perit mediku qal li ma setax jeskludi li l-attur, fil-fatt, kien ibati minn forma ta` artrite, komuni fuq dawk li jitilghu turgien jew jerfghu xi piz.

Il-konvenuti resqu xhieda li raw lill-attur, wara l-incident jahdem b`mod regolari fil-hanut tieghu, u jsuq *truck* bil-haxix u l-karozza privata tieghu. L-attur intlemah ukoll jerfa kaxxi tal-haxix minn mal-art. Il-konvenuta tghid li lill-attur tarah kuljum jahdem fil-hanut, u irriferit ghall-incident fejn l-attur kien insista maghhom biex jaghmlu claim halli jiehu xi haga mill-assikurazzjoni.

Il-konvenut jghid li wara l-incident, l-attur kellu biss barxa fl-irkoppa u, anke dak il-hin stess, kien qed jimxi b`mod normali. Qal li kien mar mieghu ghal-check-up l-isptar, u t-tabib li rah qallu li ma kellu xejn. Hu ikkonferma dak li qalet martu, u cioe`, li l-attur kien qed jinsisti li huma jaghmlu claim mas-socjeta` ta` assikurazzjoni sabiex jiehu xi haga. Il-konvenuti, pero`, m`ghamlux claim ghax raw li l-attur ma kellu xejn.

Xehdet Margaret Azzopardi, sales person mal-kumpanija assikuratrici tal-konvenut, li qalet li l-ghada li mart l-attur cemplet biex tinfurmha bl-incident, hi rat lill-attur barra l-hanut tieghu, hdejn it-truck tal-haxix jaqdi lin-nies bhas-soltu. Hu kien qed jimxi b`mod normali u kien qed jerfa kaxex tal-haxix. Hi irrakuntat ukoll meta, xi jiem wara l-incident, l-attur mar jara jekk il-konvenut kienx ghamel claim, u kellu idu marbuta go *sling* u qal li, bl-incident, kellu kustilja miksura. Apparti dak l-incident, kull meta din ix-xhud rat lill-attur, anke l-ghada tal-incident, qaltt ma kien ikollu idejh go *sling.* Nigel Rausi, direttur tas-socjeta` assikuratrici, wkoll xehed li ra lill-attur jahdem fil-hanut u jerfa` kaxxi.

Fuq il-materja, l-Qorti tosserva li, l-fatt li l-vittma tal-incident jibqa` jaghmel l-istess xohgol li kien jaghmel qabel l-incident, u jkollu l-istess dhul, jekk ukoll, mhux zieda fid-dhul, ma jtellifx lil dik il-persuna milli titlob kumpens minhabba *lucrum cessans*. Dan il-principju jidher li kien gie stabbilit minn din il-Qorti fil-kawza "Magro vs Busuttil", deciza fid-9 ta` Dicembru, 1982, fejn gie osservat li ghalkemm individwu, li kellu sebghu tan-nofs parzjalment amputat, baqa` jzomm l-istess job u l-istess income, xorta wahda hu gie prekluz milli jaghmel xoghol iehor li kien ikun jista` jaghmel kieku ma korriex, u, ghalhekk, ghandu jinghata kumpens minhabba dan it-telf. Dan il-principju baqa` jigi adoperat fil-gurisprudenza nostrali, u gie accettat anke mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (ara, per ezempju, il-kawza "Gatt vs Carbone", deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta` Lulju, 1998; ara wkoll "Debono vs Vaswani", deciza minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru, 2003, u l-gurisprudenza hemm citata).

Il-fatt li gerha ma jkollhiex effett funzjonali, ma jwassalx ghan-negazjoni ta` ghoti ta` kumpens. Fil-kawza "Galea vs Galea", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` April, 2003, il-vitma kellu ticrita f`widnejh b`rizultat tal-incident, pero`, xorta wahda inghata kumpens.

F`dan il-kaz, pero`, hemm diversi cirkustanzi li ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni. Issir referenza ghall-fatt li it-ticrita fuq ix-xoffa tal-attur kienet go halqu, u kwindi, mhxu vizibbli; li l-attur ghadu jerfa kaxex u jsuq vetturi minghajr ebda tfixkil; li l-perit mediku ma setghax jeskludi li dak li minnu qed jilmenta l-attur seta` kien rizultat ta` zvilupp naturali, u mhux tal-incident; li l-atturipprova juri li kien kiser kustillja u wegga` idu, meta min dan ma kellu xejn. Meta tqies ukoll li, f`kaz ta` varji dizabilita`, wiehed m`ghandux jiehu t-total tal-percentaggi, izda l-*"weighted average"* (ara "Degiorgio vs Da Crema", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Jannar, 2004), il-Qorti thoss li, f`dan il-kaz, ghandha takolji lill-attur b`dizabilita` permanenti ta` 1% biss.

Dwar il-multiplier, jirrizulta li l-attur kellu 42 sena meta sehh l-incident. Huwa principju, li fid-determinazzjoni tal-

figura tal-multiplier, il-Qorti m`ghandhiex tiehu figura li tkopri d-differenza sal-eta` tal-irtirar, minghajr ma tiehu in kunsiderazzjoni l-kontingenzi tal-hajja futura (ara “Caruana vs Camilleri”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar, 2004). Din il-Qorti sejra, ghalhekk, tadotta multiplier ta` 13.

Fir-rigward tad-dhul, l-attur jiggestixxi hanut bil-grocer fl-istess triq fejn sehh l-incident. Hu wera li minn dan in-negozju, qabel l-incident, kellu dhul annwali ta` circa Lm8,500; wara l-incident, jghid li kompla jmexxi l-hanut, pero`, kellu jnaqqas ix-xoghol peress li ma setax jahdem kif kien qabel. Minhabba l-incident, hu kien ghamel ukoll erba` xhur bil-hanut maghluq, peress li la hu u lanqas martu ma setghu jmexxuh. Fis-sena ta` wara l-incident, il-qliegh annwali tieghu nizel ghal Lm7,000. L-attur esebixxa kopja tal-*financial statements* tieghu ghas-snin mill-1998 sal-2002, biex jikorrobora l-figuri minnu indikati. Meta tqies iz-zmien kopert bil-multiplier, u z-zieda li wiehed jistenni li jkollu fil-qliegh tieghu, anki minhabba zieda fir-rata tal-inflazzjoni, il-Qorti jidhrilha li ghandha tahdem il-kumpens fuq dhul annwali ta` Lm9,000.

Il-kumpens dovut, ghalhekk, ghandu jinhadem hekk:

Lm9,000 x 13 x 1% = Lm1,170

Peress li l-hlas sejjer isir f`daqqa, hija prattika kostanti li jsir tnaqqis minhabba dan (*“lump sum payment deduction”*). Din, peress li l-incident sehh fl-2001, ghandha tkun ta` 16%. Ghalhekk, jekk wiehed inaqqas dan il-percentagg, il-kumpens dovut jinzel ghal Lm983.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi fuq ammissjoni tal-konvenuti, tilqa` l-ewwel talba kif dedotta, u wara li tilqa` t-talbiet l-ohra, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta` Lm983 (disgha mija u tlieta u tmenin liri Maltin) in linea ta` danni, bl-imghax legali millum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal-terz (1/3) mill-atturi, u zewg terzi (2/3) mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------